IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru69 (disa' u sittin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Gimgħa, 4 ta' Frar, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| | Joseph Azzopardi |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

**69.1. Item Nru 69.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

69.1.1Il-Laqgħa bdiet fil-5.40pm u kulħadd kien preżenti

**69.2 Item Nru 69.2 fuq l-Aġenda – Qari u approvazzjoni tal-minuti**

69.2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**69.3 Item Nru 69.3 fuq l-Aġenda – Komunikazzjoni mis-Sindku**

69.3.1 Recreational centre – Is-Sindku qal li x-xogħol tal-aluminium lest u issa qed nistennew mingħand il-perit biex jara kif ser insolvu l-problema tal-ilma li qed jidħol.

Apparti hekk il-Perit irid jgħidilna wkoll x'hemm spejjeż li Schembri Barbros tħallas iktar milli għamel sabiex inkunu nistgħu infittxuh bl-avukat.

Il-Perit ukoll irid iħejji l-applikazzjoni għall-compiance certificate biex inkunu nistgħu napplikaw għad-dawl u l-ilma.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

Is-Sur Valvo qal li il-perit Iestielna stima ta' kemm jiġu jiswa biex quddiem il-*hall* nagħmlu parapett u fence biex nissalvagwardjaw il-faċċata u l-aperturi minn xi daqqiet bil-blalen. Il-Kunsill qabel biex jinġiebu stimi.

69.3.2 Rampa Sports Complex – Is-Sindku ippreżenta r-rapport tal-Bord tal-Aggudikazzjoni tat-tender tar-rampa u ground slab u il-Kunsil qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord li tintgħażel l-irħas offerta. Għalhekk issa għandu jibda ż-żmien tal-appell u mbgħad jiġi ffirmat il-kuntratt.

69.3.3 *Jogging Track* – Is-Sur Valvo qal li l-Kunsill għadu qed jistenna l-permess mil-Planning Authority.

69.3.4 Gal xlokk – Is-Sindku qal li wara li ffirmajna l-Grant Agreement mal-Gal Xlokk il-Kunsill għandu jiftaħ kont il-Bank Centrali apposta għal dan il-proġett bħal ma sar fil-każ tal-proġett tal-ħitan tas-sejjiegħ. Il-Perit jonqsu jibgħat l-ispecifications sabiex inkunu nistgħu noħorġu t-tender.

69.3.5 SSTP – Is-Sur Valvo qal li ser jitkellem mal-SSTP sabiex ituna żewġ dati fil-ġimgħat li ġejjin.

69.3.6 Skart – Is-Sindku ippreżenta r-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar it-tender tal-ġbir ta' skart bieb bieb u l-Kunsill approva dan ir-rapport u għalhekk ser ikompli l-proċess biex jibda ż-żmien tal-appell.

Skart riċiklabbli – Is-Sur Valvo qal li kien hemm granet fejn il-Bring in site ta' Triq Ras il-Ġebel kienu imfawrin. Dan minkejja li avżajna l-GreenPak. Għalhekk il-Kunsill qabel li nistennew sa laqgħa oħra biex naraw jekk l-affarijiet jitjiebux inkella l-Kunsill ma jkollux triq oħra ħlief li jneħħi dan il-Bring in site ukoll.

69.3.7 Bus Shelters – Is-Sur Valvo qal li kellna laqgħa mal-Faces fejn ipproponejna li jinbidlu diversi Bus Shelters antiki u li jsiru tlieta ġodda. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru tlieta ġodda kif ġej – Mahoney, Qassisin, Spnott. Imbgħad jinbidlu l-bus shelters ta' Cern, Ġakbu u Ritchie.

69.3.8 Mizura 4.4 Hitan tas-Sejjiegħ – Is-Sindku informa lil Kunsilliera li l-Kunsill kellu jittardja dan il-proċess għaliex qed nistennew mis-sessjoni tal-Procurement tad-DLG.

69.3.9 Land Reclamation – Is-Sindku qal li wara l-laqgħa li kellna l-ERA is-Sa. Piccinino CEO tal-ERA qaltilna li bħaz zona ta' quddiem ix-Xgħajra fir-rapport li huma ħejjew hemm 5 siti oħra li jistgħu jkunu tajjeb għal land reclamation. Dan ir-rapport sar a skop intern biss u gie kkunsidrat biss il-fattur ġeoloġiku. Għalhekk huwa prematur li wieħed jgħid li ser isir land reclamation quddiem ix-Xgħajra. Il-Kunsill ser jibqa kontra l-land reclamation quddiem ix-Xgħajra akkost ta' kollox u ser jibqa jseġwi b'interess.

69.3.10 Toroq – Is-Sindku qal li Infrastructure Malta ħabbru t-toroq li ser isiru l-ewwel li fix-Xgħajra ikkonfermaw li ser isiru Triq il-Fortizza tal- Grazzja, Triq l-Iskola, Triq l-Ispnott u Triq Alof De Wignacourt.

**69.4. Item Nru. 69.4 fuq l-Aġenda – Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

69.4.1 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet fuq it-trinka li kellha ssir fi Triq il-Fabbriki. Is-Sindku qal li għadu kif iltqajna ma' David u għandu jibda għada wara li jara fejn qiegħed iżomm l-ilma.

69.4.2 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet dwar it-tabella tal-karozzi tal-linja biex jitfu l-magna meta jkunu weqfin. Is-Segretarju qal li għadna qed nistennew mingħand il-Koptasin.

69.4.3 Is-Sinjura Buttiġieġ staqsiet fuq il-Belishia lights fiex waslet. Is-Segretarju qal li ix-xogħol beda u jmiss li jgħaddula l-elettriku imbgħad napplikaw l-Enemalta.

69.4.4 Is-Sinjura Buttiġieg staqsiet fuq meta ser jeħel il-bin tal-klieb fi Triq l-Ispnott. Is-Segretarju qal li qiegħda fil-programm li ssir.

69.4.5 Is-Sinjura Borg staqsiet dwar il-laqgħa mal-Iskola u s-Sindku qal li hu diġa avża lis-Surmast u ser ituna data.

69.4.6 Is-Sur Attard staqsa kif nistgħu nagħmlu biex titnaddaf Triq l-Ispnott in-naħa tal-egħlieqi. Is-Sur Azzopardi ssuġġerixxa li nkellmu lil tal-Cleansing Department.

69.4.7 Is-Sur Attard staqsa kif nistgħu nagħmlu biex nirranġaw il-banju ta' fejn il-Milord. Is-Sindku qal li ser naraw nitkellmux mal-Public Works sabiex jiġi rrangat u jisbieħ.

**69.5. Item Nru 69.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

69.5.1 Gew preżentati r-Rapport Amministrattiv, l-Estimi Annwali u l-Pjan ta' Ħidma u l-Kunsill approvhom unanimament.

**69.6. Item Nru. 69.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

69.6.1 Is-Sur Azzopardi qal li l-mera ta' Triq Dwardu Ellul kantiniera ma' Sqaq Dunġur imqaċċta u għandna bżonn issir mil-aktar fis.

**69.7. Item Nru. 69.7 fuq l-Aġenda – Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

69.7.1 Pagamenti b'numru 76 ġew approvati b'astenzjoni waħda.

**69.8. Item Nru. 69.8 fuq l-Aġenda - Mozzjonijiet**

69.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

IX-XGĦAJRA

**69.9. Item Nru. 69.9 fuq l-Aġenda - Quarterly Report**

69.9.1 Ir-rapport tat-tielet kwart ġie approvat b'astenzjoni waħda.

**69.10 Item Nru. 69.10 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

69.9 Il-laqgħa ntemmet fis-7.43pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21696969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt